MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2009

Numru. 727/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO HABER**

**KONTRA**

**COULIBALI BUBAKER**
**KAMEN BAKARI**
**AKU MOHAMMED**
**KEITA ISMAIL**
**SANTAN BA**
**KITA SUSANU GODI**
**BALEVED RAJ**
**SIAGA TRAURE**
**ZERA DJIAGWIM FRANCIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Coulibaly Bubaker ta’ 22 sena, nazzjonalita’ Togo, mwieled f’Kara, Togo fl- 1 ta’ Jannar 1987, iben Seku Coulibaly u Aisha, residenti Safi Detention Centre, maghruf b’numru tal- Pulizija 08OOO-074;

U

Bakari Kamen ta’ 27 sena, nazzjonalita’ Mali, mwieled f’Bkari Karambi, Mali fl- 1 ta’ Jannar 1982, iben Amuru u Qassat, residenti Safi Detention Centre, maghruf b’numru tal- Pulizija 08OOO-067;

U

Mohammed Aku ta’ 33 sena, nazzjonalita’ Ivory Coast, mwieled f’ Danna, Mali, fl- 1 ta’ Jannar 1976, iben Aku u Zeinabu, residenti Hal Far Open Centre, maghruf b’numru tal- Pulizija 07Q-011;

U

Ismail Keita ta’ 25 sena, nazzjonalita’ Mali, mwieled Mali fl- 1 ta’ Jannar 1984, iben Muna u Nuntani, residenti Hal Far Tent Centre, maghruf b’numru tal- Pulizija 07A-010;

U

Santan Ba ta’ 24 sena, nazzjonalita’ Mali, mwieled f’ Sibi, Mali fl- 1 ta’ Jannar 1985, iben Usman u Mariam, residenti Hal- Far Tent Centre, maghruf b’numru tal- Pulizija 07XX-017;

U

Godi Kita Susanu ta’ 20 sena, nazzjonalita’ Mali, mwieled f’ Mali, fl- 1 ta’ Jannar 1989, iben Sita u Ramata, residenti Safi Detention Centre, maghruf b’ numru tal- Pulizija 08CC-008;
Baleved Raj ta’ 49 sena, nazzjonalita’ Indiana mwieled Punjab fit- 8 ta’ Settembru 1960, iben Hariram u Baginiy, residenti Hal Far Detention Centre, maghruf b’numru tal-Pulizija 09B-171;

U

Trawre Siaga ta’ 29 sena, nazzjonalita’ Mali, mwieled f’ Kulukani, Mali fit- 2 ta’ Marzu 1980, iben Tumai u Guaniare, residenti Marsa Open Centre, maghruf bin-numru tal- Pulizija 06FF-003;

U

Djagwim Francis Zera’ ta’ 42 sena, nazzjonalita’ Burkina Faso, mwieled f’ Butaya, Burkina Faso fl- 1 ta’ Jannar 1967, iben Zera’ u Zinsonni, residenti Marsa Open Centre, maghruf bin- numru tal- Pulizija 07Q-024;

Li gew mressa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 23 ta’ Lulju 2009 bhala persuni li imbarkaw jew zbarkaw, f’ Malta naqsu li jkollhom passaport u naqsu li jaghtu lill- Ufficjal Principali tal- Immigrazzjoni l-informazjoni preskritta u dik l- informazzjoni l- ohra kif l-Ufficjal Principali tal- Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai termini tal- Artikolu 28 tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U lil Coulibaly Bubaker, Bakari Kamen, Godi Kita Susanu u Baleved Raj biss, akkuzati wkoll talli f’data mhix maghrufa qabel it- 23 ta’ Lulju 2009 harbu minn post ta’ kustodja pubblika, cioe’ Safi Detention Centre bi ksur tal-Artikoli 151 u 152 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati rregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw sew din l-ammissjoni taghhom, u wara li l-

Qorti semghet lill-istess imputati minn jeddhom jaghtu spjegazzjoni ghall-eghmil taghhom;

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 28 tal-Kap 217, u 151 u 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ta' Mohammed Aku, Ismail Kieta, Santan Ba, Djiagwim Francis Zera' u Trawre Siaga din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputati hatja u ghaldaqstant tikkundannhom xahar prigunerija.

Din il- Qorti qed issib lil Coulibaly Boubaker, Bakari Kamen, Godi Kita Susanu u Baleved Raj hatja ukoll fuq ammissjoni, u ghaldaqstant tikkundannhom tlett (3) xhur prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------